QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

IMHALLEF

ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI
B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.

**Illum il-Hamis, 8 ta' April 2021**

**Kawza Numru: 5**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 83/2021 JVC**

**L-Avukat Dottor Kevin F. Dingli, fil-kwalita' tieghu bhala mandatarju specjali tal-assenti Oleg Paltin li ghandu Passaport Russu bin-numru 72 7785669 u Maria Laskala li ghandha Passaport Russu bin-numru 66 no. 0831973, bhala l-genituri tat-tifel komuni minuri taghhom Mark Aaron Paltin sive Aaron Mark Paltin**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrent l-Avukat Dottor Kevin F. Dingli noe kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrent Mark Aaron Paltin sive Aaron Mark Paltin, kif debitament rappresentat, twieled f'Monaco, fit-13 ta' Frar 2013, u dana skond ma jirrizulta mill-Att tat-Twelid li jgib in-numru tar-registrazzjoni 122 registrat fl-14 ta' Frar 2013 mahrug mir-Registru tat-Twelid, Imwiet u Zwieg f'Monaco, kopja awtentika tieghu flimkien mat-traduzzjoni bl-Ingliz hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**AP-2"** u **"AP-3";**

2. Illi skont ma jirrizulta mill-imsemmi Certifikat tat-Twelid, mat-twelid tieghu r-rikorrent inghata l-isem ta' "Mark Aaron", u kunjomu huwa "Paltin"

3. Illi minkejja l-fatt li l-minuri mat-twelid gie moghti l-isem ta' Mark Aaron, l-istess minuri dejjem kien maghruf u konsistentement msejjah bl-isem ta' Aaron Mark. Sostenn ta' dan il-fatt huwa l-affidavit ta' Oleg Paltin, missier il-minuri, hawn anness u mmarkat bhala Dokument **"AP-4"** kif ukoll l-affidavit ta' omm ir-rikorrent Maria Laskala, hawn anness u markat bhala Dokument **"AP-5"**;

4. Illi ft-28 ta' Ottubru 2015 ir-rikorrent, ottjena permezz tar-Regolamenti dwar il-Programm ta' Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta (S.L. 188.03) ic-cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni, skont id-dispozizzjonijiet tal-Att Dwar ic-Cittadinanza Maltija (Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta),

kif jirrizulta mic-Certifikat ta' Cittadinanza Maltija li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument **"AP-6".**

5. Illi sussegwentement bhala parti mill-process ghall-ksib tac-cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni fuq talba tar-rikorrent, l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku irregistra l-Att tat-Twelid tar-rikorrent fil-5 ta' Novembru 2015 bin-numru ta' iskrizzjoni progressiv 5630, kif jirrizulta mill-kopja awtentika hawn anness u mmarkat bhala Dokument **"AP-7".**

6. Illi kif diga inghad, nonostante l-fatt li l-minuri mat-twelid gie moghti l-isem ta' Mark Aaron, l-istess minuri mat-twelid tieghu kien maghruf u konsistentement msejjah bl-isem ta' Aaron Mark. Kien proprju ghal din ir-raguni illi l-ġenituri tal-esponent ghamlu l-ewwel pass sabiex jirrimedjaw b'mod ufficjali l-bdil fl-isem ta' binhom permezz ta' talba kongunta quddiem it-Tribunali ta' Moska sabiex issir bidla f'isem ta' binhom fis-sens li minflok 'Mark Aaron', kif registrat jinbidel ghall- 'Aaron Mark';

7. Illi din it-talba giet milqugha b'sentenza moghtija fit-3 ta' Lulju 2019 mill-Administration of Presnensky Municipal District Numru 216-11 kif jirrizulta mill-kopja awtentikata tal-istess sentenza immarkata bhala Dok. **"AP-8"**, flimkien mat-traduzzjoni taghha bil-lingwa franciza u bil-lingwa ingliza hawn annessi u mmarkati bhala Dokument **"AP-9"** u Dokument **"AP-10"**;.

8. Illi b'rizultat tas-sentenza su riferita tat-3 ta' Lulju 2019 mill-Administration of Presnensky Municipal District bin-Numru

216-11 (Dok. "AP-8", Dok "AP-9" u Dok. "AP-10"), saret bidla fl-isem tal-minuri fil-passaport Russu tieghu bin-numru 66 no.0790933 kif jirrizulta mill-kopja awtentikata tal-passaport hawn anness u mmarkat bhala Dokument **"AP-11"**;.

9. Illi jinghad ukoll li s-sentenza suriferita moghtija fit-3 ta' Lulju 2019 mill-Administration of Presnensky Municipal District tat-12 ta' Frar 2016 bin-Numru 216-11 giet ukoll registrata f'Monaco fuq talba tal-istess genituri tal-minuri kif jirrizulta mill-annotazzjoni fuq l-istess certifikat tat-twelid kif jidher mill-kopja awtentikata tac-certifikat tat-twelid tal-minuri li jgib in-numru tar-registrazzjoni 122 registrat fl-14 ta' Frar 2013 u mahrug mir-Registru tat-Twelid, Imwiet u Zwieg f'Monaco, hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**AP-2"** u **"AP-3";**

10. Illi kif fuq premess, u kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-isem tar-rikorrent huwa dak ta' "Aaron Mark", b'liema isem l-istess rikorrent kien ukoll minn dejjem u konsistentement maghruf u msejjah, u ismu m'huwiex "Mark Aaron" skont kif gie indikat fl-imsemmi Att tat-Twelid registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fil-5 ta' Novembru 2015 bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 5630.

11. Illi ghalhekk ir-rikorrent jixtieq illi jigi emendat l-Att tat-Twelid tieghu kif registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fil-5 ta' Novembru 2015 bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 5630, sabiex jirrifletti l-isem li bih l-istess rikorrent minuri kien minn dejjem u konsistentement maghruf u msejjah u cioe' dak ta' "Aaron Mark" bhala isem.

12. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tordna ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrent bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 5630 kif registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fil-5 ta' Novembru 2015, billi l-isem tar-rikorrent jigi registrat bhala 'Aaron Mark" minflok "Mark Aaron", u dana sabiex b'hekk, u b'rispett shih tal-mod li bih ir-rikorrent minuri kien minn dejjem u konsistentement maghruf u msejjah, l-isem shih tal-istess rikorrent jigi jinqara "Aaron Mark" bhala isem u "Paltin" bhala kunjom; u konsegwentement

2. Tordna illi jigi mdahhal annotament fil-margini tal-fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrent illi jindika illi saret tali korrezzjoni u registrazzjoni ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kodici Civili; u konsegwentement ukoll

3. Tordna illi l-bdil effettwat fil-fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrent in segwitu ghall-korrezzjoni u registrazzjoni relattiva jigi rifless ukoll f'kull Att ta' l-istat civili iehor relattiv ghall-istess rikorrent.

Bl-ispejjez kontra l-intimat illi minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi fl-ewwel lok, ghandu jinghad li ai termini tal-**Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, ghandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigh tal-kawza odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas hmistax-il gurnata qabel tali smigh;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jistqarr li hu mhux edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

3. Illi l-esponent umilment jirrileva li ma jirrizultax kemm mid-dikjarazzjoni mahlufa tar-rikorrent kif ukoll mill-Att ta' Twelid ta' Mark Aaron Paltin, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1', li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 5630 tas-sena 2015, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

4. Illi l-esponent irregistra l-att tat-twelid tar-rikorrent wara talba, hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. DRP 2', maghmula taht l-**Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** illi specifikament jippermetti illi jigi registrat Att tat-Twelid esteru. Ghaldaqstant, l-esponent ottempora ruhu mal-ligi u rregistra l-Att ta' Twelid abbazi tal-att esteru li gie pprovdut lilu, liema dokument huwa hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 3', u t-traduzzjoni tal-istess Att, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 4'. Tali registrazzjoni ghandha issir *ad verbatim,* u stante li dawn id-dokumenti juru li l-isem tar-rikorrenti huwa dak ta' 'Mark Aaron' u mhux 'Aaron Mark', l-esponent ma kellux ghazla ohra hlief li jaghmel din ir-registrazzjoni bl-isem li jinsab fuq l-Att tat-Twelid originali;

5. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

6. Illi riferibbilment ghat-tielet talba tieghu, ir-rikorrent qieghed jitlob ukoll sabiex il-bdil effetwat fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent jigi rifless ukoll f'kull att tal-iStat Civili iehor relattiv ghar-rikorrent. Illi minghajr pregudizzjoni ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa t-talbiet attrici u tordna l-bidla tal-isem 'Mark Aaron' sabiex l-isem tar-rikorrent jigi jinqara bhala 'Aaron Mark' fl-Att ta' Twelid tieghu, l-esponent umilment jirrimarka illi sabiex ikun jistgha jsir tibdil fi kwalunkwe Att tal-iStat Civili iehor, ir-rikorrent ghandu jispecifika liema huma dawn l-atti billi jirreferi ghan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

7. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.'.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Rat illi fil-verbal tal-lum stess il-partijiet qablu li l-kawza setghet tmur ghad-decizjoni.

**Ikkunsidrat:**

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat;

Rat illi fil-verbal tal-lum il-partijiet iddikjaraw il-provi taghhom maghluqa;
Ikkunsidrat illi mid-dokumentazzjoni annessa mar-rikors guramentat partikolarment mill-affidavit ta' Oleg Paltin a fol. 12 *et seq* tal-process u ta' Maria Laskala a fol. 15 *et seq* tal-process, kif ukoll mid-dokumentazzjoni l-ohra, jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti hija gustifikata stante li ghalkemm il-minuri rikorrent inghata l-isem ta' 'Mark Aaron' mat-twelid fil-fatt huwa minn dejjem u konsistentement kien maghruf bl-isem ta' 'Aaron Mark' ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti jisthoqqilhom li jigu milqugha.

Il-Qorti rat ukoll li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern hekk kif mitluba mil-ligi u prova ta' dan giet esebita fl-atti a fol. 22 tal-process.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrenti bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 5630, kif registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fil-5 ta' Novembru 2015 esebita a fol. 17 tal-process billi l-isem tar-rikorrenti jigi registrat bhala 'Aaron Mark' minflok 'Mark Aaron', u dan sabiex b'hekk, u b'rispett shih tal-mod li bih ir-rikorrenti minuri kien minn

dejjem u konsistentement magħruf u msejjah, l-isem sħiħ tal-istess rikorrenti jiġi jinqara 'Aaron Mark' bħala isem u 'Paltin' bħala kunjom;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li jiġi mdaħħal annotament fil-margini il'fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrenti li jindika li saret tali korrezzjoni u reġistrazzjoni ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kodiċi Ċivili;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li l-bdil effetwat il' fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrenti in segwitu għall-korrezzjoni u reġistrazzjoni relattiva jiġi rifless ukoll f'kull Att tal-Istat Ċivili ieħor relattiv għall-istess rikorrenti fil-poter tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku intimat;

Tordna li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-Artikolu 256 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Bl-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**8 ta' April, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Reġistratur**
**8 ta' April, 2021**